**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Brandon Bartolo**

**Kawza: Distrett**

**Illum 30 ta' Jannar, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Brandon Bartolo** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 363190 (M) billi huwa akkuzat talli f'xi zmien fix-xahar ta' April tas-sena 2017 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel uzu mhux xieraq bih.
U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi uza kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti, jew esebixxa xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbuziv jew insolent jew xort'ohra gab ruhu b'dak il-mod, bil-hsieb li b'hekk iqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali kontra xi persuna ohra jew grupp ta' persuni

fuq bazi ta' generu, identita' tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra jew b'hekk holoq il-probbabilita li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha titqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali.
U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi li gew decizi u li ma jistghux jigu mibdula.

**Ikkunsidrat:**

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjoni kontra l-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti, inkluż l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat meta mitkellem mill-Pulizija kif ukoll kopja ta' dokument li juri l-kummenti inkriminati nonche sensiela ta' posts fuq is-sit tal-Ghaqda Patrijotti Maltin inkonnessjoni ma' ahbar marbuta ma' decizjoni tal-Qorti Ewropea li kienet tghid: ***La Hijab imma lanqas slaleb jew simboli ohrajn f'postijiet tax-xoghol***.

Il-pulizija bdew jinvestigaw il-kaz wara email (a. fol 38) li rcivew minghand Sara Ezabe fejn hassitha li kummenti li saru fil-konfront taghha fuq is-sit tal-facebook tal-Ghaqda Patrijotti Maltin jammontaw ghal rimarki razzjali.

Il-persuna li talbet l-investigazzjoni u l-azzjoni ma ssejhitx biex tixhed f'dawn il-proceduri u tghid liema kummenti kellha tittiehed azzjoni kriminali dwarhom.

Rat li matul is-seduta tas-16 ta' Jannar 2008 Dr. Joseph Mifsud għall-imputat iddikjara li l-imputat ma kienx qiegħed jikkontesta l-fatti ta' dan il-każ, fis-sens li kien minnu li l-imputat kien għamel il-kummenti fuq is-sit imsemmi. Il-kumment tieghu li jinsab a fol. 26 tal-process jghid testwalment bl-izbalji grammatikali b'kollox hekk: *"Tmur tihdu fox kemm anda … awnhekk edin pajjizna .. ahna religjon wihed biss … huma guests iridu jimxu al ligijiet tagna … ma jogobomx?? Fuck off back to your country!"* Iżda l-istess abbli Avukat tenna li kien qed jikkontesta l-interpretazzjoni legali mogħtija lit-tieni imputazzjoni u li minħabba fiha l-imputat ġie mixli bir-reati de quo quddiem din il-Qorti. Huwa saħaq li ma kienx minnu li l-kumment mgħoddi mill-imputat kien jissodisfa r-rekwiżi tal-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali. Konsegwentement huwa kien qiegħed jikkontesta li bl-aġir tiegħu ikkommetta r-reat imputat fl-ewwel imputazzjoni.

***Ikkunsidrat : -***

Il-president tal-Cassazione Giovanni Mammone fid-diskors tieghu fil-ftuh tas-sena gudizjarja nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018 tkellem dwar ir-riskju li hemm marbut mal-mezzi ta' komunikazzjoni meta tkellem dwar **"I RISCHI DEL WEB":**

*L'abuso dei mezzi di comunicazione e degli strumenti di partecipazione sociale messi a disposizione dalla Rete costituisce un fenomeno crescente e preoccupante. Da un lato è violato il diritto della collettività ad essere informata in maniera corretta, dall'altro sono messi in moto meccanismi di diffusione sociale delle notizie che possono arrecare, anche inconsapevolmente, danni a soggetti terzi.*

*Il fenomeno può essere contrastato validamente, oltre che con le tradizionali forme di tutela giudiziaria, con la prevenzione, contrastando l'abuso prima che si realizzi il danno. Deve, pertanto, aumentare la consapevolezza degli utenti circa i pericoli della disinformazione e deve incrementarsi mediante un appropriato monitoraggio la conoscenza delle fonti di abuso.*

Illi dan il-każ tnissel wara li fuq is-sit tal-facebook tal-Ghaqda Patrijotti Maltin, nhar il-1 ta' April 2017 ġiet pubblikata aħbar dwar decizjoni tal-Qorti Ewropea dwar il-Hijab u simboli ohra religjuzi u certa Lita Thomas ixxerjat l-ahbar li kien hemm fuq portal tal-ahbarijiet u x'qalet Sara Ezabe dwar din id-decizjoni.

Wara dan l-artiklu ġew pubblikati għadd ta' messaġġi ta' diversi nies li għoġobhom jikkummentaw fuq din l-aħbar. Hemm diversi kummenti ftit dwar is-suġġett prinċipali ta' din l-aħbar, iżda l-maġġoranza jiddevjaw sew minn din l-aħbar u jimbarkaw - xi drabi

anke fi sfond ta' tgħajjir - fuq kummenti oħra li ma għandhom x'jaqsmu xejn ma l-aħbar pubblikata[1].

Anke jekk jirrażentaw il-medjokri, bosta minn dawn il-kummenti jistgħu jitqiesu bħala eżerċizzju ta' forma ta' "liberta ta' espressjoni" minn diversi nies. Biss kummenti oħra kienu wkoll pależament imorru lil hinn minn liberta ta' espressjoni.

Kien hemm kummentaturi li l-kummenti kienu jaqbżu l-limitu. Iżda l-kliem bħaċ-ċirasa u waħda tiġbed lill-oħra. Hekk ukoll jiġri għal kummenti offensivi u abbużivi. U meta jibda jikkummenta xi wieħed spavald, hemm tara għadd oħra li jagħmlu l-kuraġġ u jitħajru jagħmlu bħalu billi jibdew jisparaw kummenti bl-addoċċ mingħajr attenzjoni, qies u limiti kemm fir-rigward tat-tema prinċipali tal-aħbar kif ukoll għall-kliem u l-kuntest li fih ikunu qed jiktbu u jippublikaw - imkaxkra mill-idea deliranti u żbaljata li għandhom il-jedd li jgħidu li jridu, kif iridu u kif iħossuha. U hawn fejn tidħol ukoll ir-responsabbilta' tal-amministraturi jew moderaturi ta' dawn is-siti...

F'dawn il-kummenti jispikka s-sens ta' preokkupazzjoni li dan il-pajjiż u l-Unjoni Ewropeja għandhom sfidi kbar quddiemhom preżentat mill-fenomenu tal-immigrazzjoni illegali inkontrollat u li l-isforzi li saru s'issa ma solvewx il-problema, iżda jekk xejn ħallewha tikber. Anzi hemm sentiment li l-Maltin qegħdin jiġu

[1] Il-**Pulizija (Sp. John Spiteri) vs Dunstan Attard** deciza mill-Magistrat Aaron Bugeja 10 t'Ottubru 2017

diskriminati fis-sens li l-mezzi tax-xandir qegħdin jagħtu aktar attenzjoni, importanza u kopertura lill-lanjanzi li jolqtu lill-immigranti aktar minn dawk li jolqtu lil Maltin[2].

Iżda imbagħad hemm il-qabża l-isfel fil-kwalita b'kummenti li jmorru lil hinn mill-liberta' tal-espressjoni u l-kritika dwar il-qagħda tal-immigrazzjoni f'Malta u l-effett li l-immigrazzjoni qegħda tħalli fuq Malta u l-Maltin.

***Ikkunsidrat : -***

Illi din il-Qorti jidhrilha li l-analiżi dwar ir-responsabbilta o meno tal-imputat ma tridx tikkonċentra biss fuq il-kliem pubblikat mill-imputat, bħala frażi waħedha u fl-astratt, iżda wkoll trid titqies fil-kuntest ta' dak li jkun qed jiġi miktub minnu u minn ħaddieħor; mhux l-inqas il-lok fejn il-kumment ikun sar u ċirkostanzi oħra li jkunu jduru miegħu.

Bosta nies riedu jikkritikaw il-qagħda tal-immigrazzjoni illegali f'Malta u l-preokkupazzjoni tagħhom dwar il-konsegwenzi li dan qiegħed iħalli fuq ir-riżorsi tal-pajjiż u fuq il-Maltin. Iżda kontra dak li jistghu jahsbu ghadd ta' individwi li jistghu jghidu li jridu, f'soċjeta demokratika ma tistax tgħid dak kollu li trid u li tħoss. Hemm il-limiti li huma stabbili bil-Liġi u li jridu jiġu osservati. Id-dritt tal-kummentaturi li jikkummentaw jista' jaqbeż il-limiti tal-medjokrita, iżda ma jista' qatt jabqeż il-limiti stabbiliti mill-Liġi.

[2] Ibid.

Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Prim Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano nhar il-11 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Stephen Caruana et*** : -

> 1. Ma hemmx dubbju li l-liberta` ta' l-istampa kif ukoll il-liberta` ta' l-espressjoni huma fondamentali f'socjeta` demokratika, u ghalhekk ir-restrizzjonijiet ghal tali libertajiet ghandhom ikunu limitati ghal dak li huwa strettament necessarju biex jigu protetti valuri u drittijiet ohra, xi whud minnhom importanti daqs l-istess dritt ghall-liberta` ta' espressjoni u ta' l-istampa. Fost dawn id-drittijiet l-ohra hemm id-dritt li persuna tipprotegi r-reputazzjoni taghha, kif ukoll id-dritt li persuna (jew grupp ta' persuni) ma tigix insultata jew esposta ghal disprezz minhabba, fost affarijiet ohra, ir-razza, twemmin jew origini nazzjonali jew etnika taghha[2].

L-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk : -

> **82A.** (1) Kull min juża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identita` tal-ġeneru,

orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbilta` li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali, jeħel, meta jinsab ħati, l-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu qabel dan "vjolenza jew mibegħda" tfisser vjolenza jew mibegħda razzjali kontra persuna jew grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza għall-ġeneru, identita` tal- ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra.

Id-difiża ttenni li l-kliem pubblikat huwa nieqes mill-*mens rea* meħtieġa sabiex jiġi integrat dan ir-reat. Kif diġa raportat aktar il-fuq fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Stephen Caruana et,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali[3] kienet tenniet li : -

Ir-razzizmu huwa, sfortunatement, fenomenu li qed jerga' jerfa rasu f'diversi pajjizi – fatt dan li din il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni gudizzjarja tieghu – u huwa proprju ghalhekk li hafna pajjizi (inkluza Malta[3]) u l-komunita`

[3] li kienet iddeċidiet dak il-każ f'Lulju tal-2003, u ċjoe sena u tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-Att III tal-2002, li bih kienet daħal fis-seħħ l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali

> internazzjonali jghaddu lijigiet u jiehdu mizuri biex jppruvaw jarginaw jew jaghmlu tajjeb ghall-hsara li tali razzizmu necessarjament igib fit-tessut socjali.

Il-kummenti miktuba mill-imputat iridu jitqiesu kemm waħedhom kif ukoll fil-kuntest sħiħ li inkitbu fih. Dan l-assjem iwassal lil din il-Qorti għall-konvinzjoni morali li l-intenzjoni tal-imputat kienet biss dik li jistqarr il-fehma ħielsa tiegħu.

Skont is-sentenza ***Il-Pulizija vs Norman Lowell*** deċiża nhar il-15 ta' Lulju 2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Lawrence Quintano : -

> L-artikolu 82A ma jirrikjedix mibegħda razzjali effettiva bilfors biex jinkiser.
>
> Huwa biżżejjed li jkun hemm il-'probabilita''. Din il-kelma għandha nozzjoni differenti minn dik taċ-'ċertezza'. Terġa' u tgħid, il-kelma 'probabilita'' għandha konnotati ferm inqas qawwija mill-frażi 'beyond a reasonable doubt.'
>
> Huwa biżżejjed dak iċ-ċans li tinħoloq mibegħda razzjali bil-kliem li jingħad biex ikun soddisfatt dan l-element. Dat-tip ta' kliem issa qed jidħol f'konvenzjonijiet internazzjonali jew direttivi tal-Unjoni Ewropej. F'direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar il-ħasil ta' flus daħlet saħansitra l-kelma 'suspett' – jiġifieri li wieħed jista' jinsab ħati ta'

money laundering ukoll jekk ikollu biss 'suspett' li l-persuna li qiegħed jagħmel kuntatti magħha biex jipprovdilha servizz jista' jkun involut fil-ħasil tal-flus.

Fl-aħħarnett l-istess artikolu jinkludi l-frażi 'meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha'. Il-Qorti qed tiddeċiedi li jeżistu ċirkostanzi fid-diskors li jagħtu sinjal ċar ta' fejn ried jasal il-kelliem. Din hija kwistjoni ta' mhux biss x'intqal, fejn intqal iżda ta' kif intqal speċjalment meta wieħed jisma' – flok jaqra – id-diskors. Ma' dan għandu tiżdied il-probabilita' tad-diffużjoni estensiva permezz tal-internet. (Dak li qiegħed jingħad hawnhekk għandu jgħodd ukoll għat-tienu u t-tielet imputazzjoni).

Lanqas ma hija impressjonata din il-Qorti b'dak li xehdu xi xhieda tad-difiża li l-atmosfera kienet ta' ħbieb. Dan jagħmel is-sitwazzjoni agħar għaliex dawn huma laqgħat regolari li fihom jiltaqgħu ħafna nies li aktarx ikollhom l-istess fehma. U imbagħad id-diskors jitpoġġa fuq il-website fejn ikunu jistgħu jaċċedu għalih persuni oħrajn, kemm tal-istess fehma kif ukoll jekk mhux. Jekk il-kliem li ntqal mill-appellant jittieħed fil-kuntest tiegħu, din il-probabilita' kienet teżisti.

**Diskors ta' mibgheda**

L-ewwel li wiehed ghandu jifhem huwa x'jikkostitwixxi bhala diskors ta' mibeghda *hate speech*. Tqum il-mistoqsija x'jikkostitwixxi

bhala kliem ta' mibeghda u liema defenizzjoni se tinghata ghal istess.

Il-Qorti meta qeghda tiddelibera dwar dan gew quddiemha l-kliem ta' Humpty Dumpty fil-konverzazzjoni ma' Alice f'dak li nkiteb minn Lewis Carroll f'*Through the Looking Glass* li jidher li huwa relevanti hafna ghal din id-diskussjoni.

> *"When I use a word," Humpty Dumpty said in rather a scornful tone, "it means just what I choose it to mean – neither more nor less."*
>
> *"The question is," said Alice, "whether you can make words mean so many different things."*
>
> *"The question is," said Humpty Dumpty, "which is to be master – that's all."*[4]

Intqal minn Nani Jansen Reventlow:

> *"In order to move forward as a society, we need dissenting voices; even ones that express their views in a way that may be offensive or shocking to others, however unpleasant that might be"*[5].

Il-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza qalet:

---

[4] LEWIS CARROLL, THROUGH THE LOOKING-GLASS, AND WHAT ALICE FOUND THERE 124 (Alfred A. Knopf, Inc. 1984) (1872).

[5] Nani Jansen Reventlow - cyber law clinic adviser fl-artikolu ***The right to 'offend, shock or disturb,' or the importance of protecting unpleasant speech***

*"The boundary between the expression of intolerant or offensive views and hate speech is not always an easy one to draw. However, a number of factors are likely to be relevant, including the intention of the person making the statement, the context in which they are making it, the intended audience, and the particular words used."*[6]

Informazzjoni ppubblikata ECHR tghid li *"[t]here is no universally accepted definition of . . . 'hate speech.'"*[7] U factsheet ohra ppubblikata ukoll minn ECHR intqal li *"[t]he identification of expressions . . . [of] 'hate speech' is sometimes difficult because this kind of speech does not necessarily manifest itself through the expression of hatred or of emotions. It can also be concealed in statements which at a first glance may seem to be rational or normal."*[8]

Interessanti n-nuqqas ta' qbil mall-kumplament tal-Imhallfin tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-Imhallef András Sajó, flimkien mal-ImhallfinVladimiro Zagrebelsky u Nona Tsotsoria, fid-decizjoni **Féret v. Belgium** fid-*dissenting opinion* taghhom:

*Content regulation and content-based restrictions on speech are based on the assumption that certain expressions go "against the spirit" of the Convention. But "spirits" do not offer clear standards andare open to abuse. Humans, including*

[6] Equality and Human Rights Commission publishes new freedom of expression guidelines - February 2015

[7] EUROPEAN COURT OF HUMAN RIGHTS, HATE SPEECH para. 4 (2012), available at http://www.echr.coe.int/NR/rdonlyres/D5D909DE-CDAB-4392-A8A0-867A77699169/0/FICHES_Discours_de_haine_EN.pdf.

[8] COUNCIL OF EUR., HATE SPEECH 2 (2009), available at https://wcd.coe.int/com.instranet.InstraServlet?command=com.instranet.CmdBlobGet&InstranetImage=2021692&SecMode=1&DocId=1434498&Usage=2.

*judges, are inclined to label positions with which they disagree as palpably unacceptable and therefore beyond the realm of protected expression. However, it is precisely where we face ideas that we abhor or despise that we have to be most careful in our judgment, as our personal convictions can influence our ideas about what is actually dangerous.*[9]

L-ahhar linja gwida[10] li pprovdiet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Lulju li ghadda dwar id-diiskors ta' mibeghda "*hate speech*" intqal:

*1. When dealing with cases concerning incitement to hatred and freedom of expression, the European Court of Human Rights uses two approaches which are provided for by the* ***European Convention on Human Rights****:*

*- the approach of exclusion from the protection of the Convention, provided for by Article 17 (prohibition of abuse of rights)*[11] *, where the comments in question amount to hate speech and negate the fundamental values of the Convention; and*

*- the approach of setting restrictions on protection, provided for by Article 10, paragraph 2, of the Convention*[12] *(this approach is*

[9] Id. ¶ 2 (Spielmann, J., concurring) (translating Féret v. Belgium, App. No. 15615/07 (Eur. Ct. H.R. July 16, 2009) (Sajo, J., dissenting)).
[10] European Court of Human Rights - Factsheet – Hate speech: July 2017
[11] This provision is aimed at preventing persons from inferring from the Convention any right to engage in activities or perform acts aimed at the destruction of any of the rights and freedoms set forth in the Convention.
[12] Restrictions deemed necessary in the interests of national security, public safety, the prevention of disorder or crime, the protection of health or morals and the protection of the rights and freedoms of others.

*adopted where the speech in question, although it is hate speech, is not apt to destroy the fundamental values of the Convention).*

*2. Internet news portals which, for commercial and professional purposes, provide a platform for user-generated comments assume the "duties and responsibilities" associated with freedom of expression in accordance with Article 10 § 2 of the Convention where users disseminate hate speech or comments amounting to direct incitement to violence.*

L-istess Qorti sostniet:

"**Freedom of expression** constitutes one of the essential foundations of [a democratic] society, one of the basic conditions for its progress and for the development of every man. Subject to paragraph 2 of Article 10 [of the European Convention on Human Rights], it **is applicable not only to 'information' or 'ideas' that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population**. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no 'democratic society'. This means, amongst other things, that every 'formality', 'condition', 'restriction' or 'penalty' imposed in

> this sphere must be proportionate to the legitimate aim pursued."[13]
>
> "... [T]olerance and respect for the equal dignity of all human beings constitute the foundations of a democratic, pluralistic society. That being so, as a matter of principle **it may be considered necessary** in certain democratic societies **to sanction or even prevent all forms of expression which spread, incite, promote or justify hatred based on intolerance** ..., provided that any 'formalities', 'conditions', 'restrictions' or 'penalties' imposed are proportionate to the legitimate aim pursued."[14]

Il-Qorti tqis li l-imputat żbalja meta għamel dan il-kumment bl-espressjonijiet li uza izda skont din il-Qorti dan ma jmurx lil hinn minn dak li huwa legalment aċċettabbli fl-ambitu tal-liberta tal-espressjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-EWWEL AKKUZA**

L-Artikolu li fuqhom inħarġet l-akkuża huwa s-segwenti:

**Artikolu 49 tal- Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta – l-Att biex jirregola komunikazzjonijiet elettronici li jipprovdi li:**

> *Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*

[13] *Handyside v. the United Kingdom* judgment of 7 December 1976, § 49
[14] *Erbakan v. Turkey* judgment of 6 July 2006, § 56

*(a)* *jhedded li jagħmel xi reat; jew*

*(b)* *bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*

*(c)jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jumli matulu jkompli r-reat.*

Illi l-akkuza migjuba kontra l-imputat taqa' taht dak dispost fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dina d-disposizzjoni tal-ligi dahlet fis-sehh in segwitu ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Etienne Calleja** fejn hemmhekk l-imputat f'dik il-kawza kien gie akkuzat a tenur tal-artikolu 48(1)(d) tal-istess Ligi. Il-Qorti ma taqbilx li l-ligi fl-artikolu 49(c) qed tikkontempla sitwazzjoni simili ghal dik ikkontemplata l-artikolu 48. Hawnhekk il-ligi qed tikkontempla sitwazzjoni differenti fejn persuna taghmel uzu mit-telefon mhux biss fis-sens illi l-uzu ikun wiehed mhux awtorizzat

jew mhux teknikament korrett ecc, kif inkwadrat f'dik id-disposizzjoni tal-ligi, izda qed jikkontempla sitwazzjoni ohra fejn persuna issa qed tuza t-telefon taghha biex thedded, taghmel estorsjoni, timmalafama u tingurja persuna ohra u li taghmel kwalunkwe uzu iehor mhux xieraq.

Dina d-dicitura hija ben differenti minn dak ikkontemplat fl-artikolu 48 fejn il-kliem uzat huwa "uzu mhux b'mod kif imiss." Kien dana l-iskop tal-legislatur meta dahlet dina l-emenda fil-ligi permezz tal-Att XXX tal-2007.

Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat intenzjonalment uza l-facebook tieghu permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni sabiex jaghmel uzu mhux xieraq bl-istess fis-sens illi ppubblika kliem ta' theddid u insulenta lill-parti leza.

Il-Qorti ikkunsidrat x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur u x'ried partikolaemtn ifisser bil-kliem 'uzu iehor mhux xieraq' fejn fis-seduta tal-Parlament 'Laqgha nru. 117, ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2007' ntqal:

> "DR PETER GRECH: Bħalissa fil-liġi hemm l-istess pieni, l-istess kappa ħlief subparagrafi (a) (b) u (c). Bħalissa r-reat huwa li wieħed jagħmel improper use minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika. **Dan dejjem ftiehem li l-improper use huwa dawn l-affarijiet li hawn fil-paragrafi (a), (b) u (c) jiġifieri li wieħed juża apparat biex jhedded lil ħaddieħor, biex**

**jestorċi flus, iġiegħel lil ħaddieħor jagħmel xi ħaġa illegali jew biex jagħmel harrassing, biex idejjaq lil ħaddieħor.**

[...]

DR PETER GRECH: Issa li ġara huwa **nqalgħet diffikulta' fil-qorti dwar xi tfisser improper use.** Fil-fatt kien hemm sentenza li jekk telephone użajtu bħala telephone qatt ma nista' nkun għamilt improper use tat-telephone anke jekk użajtu biex indejjaq lil xi ħadd. Il-bżonn ta' din l-emenda nqala' minħabba dan, biex niċċaraw x'ifisser improper use. **Tħalliet il-klawsola ġenerali "or makes any other improper use thereof" imma ġie iżjed speċifikat x'ifisser l-improper use, x'għandu jiġi projbit, li tuża aparat elettronika għal dawn l-iskopijiet imsemmija."** (enfasi tal-Qorti)

Min dan johrog illi l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-frazi "uzu iehor mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il-kappa tax-xemx, maghdua kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha tigi **interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti.** Illi l-Ezekuttiv ghazel b'mod espress illi sa anke jelimina l-fastidju minn taht il-kappa ta' "uzu iehor mhux xieraq" tant li dan is-sub-paragrfu propost ma inghatax il-barka mill-Legislatur u gie eliminat: *"(c) pursues a course of conduct which amounts to harassment of another person or which he knows or ought to know amounts to harassment of another person;"*

Illi n-nota fil-margni tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tkompli taghti sostenn ghall-intepretazzjoni moghtija mill-esponenti tal-intenzjoni tal-legislatur:

> 'Użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika **biex isir theddid.**' (enfasi tal-Qorti).

Dwar l-akkuza ta' theddid permezz ta' uzu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika, fis-sentenza moghtija tat-12 ta' Gunju, 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs Joseph Gauci** il-Qorti trattat dwar l-elementi tar-reat ta' theddid u kkonkludiet propju illi:

> 'Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor – **xi forma ta' hsara ingusta fil-futur** (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv.'[15] (enfasi tal-Qorti)

Il-Qorti bhala anologija[16] tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn gie deciz li:

> 'Il-kelma 'purċinell' hija ġenerika ħafna. **Il-Qrati tagħna aċċettaw espressjonijiet li potenzjalment jistgħu jkunu aktar offensivi minn hekk u sabu li dawn jingħadu fuq kulħadd bla distinzjoni u għalhekk mhux inġurjużi.** L-

[15] Qorti tal-Appell Kriminali, il-Pulizija vs Joseph Gauci, 12 ta' Gunju, 2003.
[16] F'dan il-kaz ma ntuzatx il-kelma pulcinell

> istess qed tikkonkludi din il-Qorti dwar din il-kelma 'purċinell' għaliex din il-klema tingħad għal kull ħaġa ta' xejn u mhux xi kelma li tattakka xi karateristika jew għemil spċejali li jintrabtu ma' persuna partikolari.'[17] (enfasi tal-Qorti).

Illi dan iwassal lil Qorti biex tikkunsidra l-ewwel imputazzjoni. Id-Difiża kkontendiet li l-ewwel imputazzjoni ma tistax tirriżulta una volta li l-imputat ma setgħax jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni in kwantu l-kumment tiegħu kien nieqes mill-intenzjoni kriminuża. Il-mezz użat mill-imputat sabiex jesprimi l-veduti tiegħu, li kif intqal, huma ritenuti minn din il-Qorti bħala li jintegraw ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni, huwa wieħed minn dawk previsti mill-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif mistqarr mill-Prim Imħallef Silvio Camilleri fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Alfred Grech*** deċiża nhar id-19 ta' Lulju 2013 : -

> 9. L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl-użu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-liġi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex

[17] Appell Kriminali Numru. 89/2013, Il-Pulizija Kontra Omissis u Simona Vella, 24 ta' Marzu, 2014

> jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu ieħor mhux xieraq" (sottolinear tal-qorti) isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqiesux theddid iżda jitqiesu bħala messaġġi vulgari dan hu biżżejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (ċ) msemmi in kwantu huma messaġġi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jirċevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irċevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi.

F'dan il-kaz, din il-Qorti jidhirlha li ġie ppruvat soddisfaċentement li l-imputat għamel użu minn apparat elettroniku u ta' komunikazzjoni elettronika mhux sempliċiment għaliex huwa esprima l-opinjoni tiegħu fuq dak ippostjat preċedentement minn persuna oħra iżda għaliex is-sustanza ta' dik l-espressjoni tal-opinjoni kienet, fl-aħħar mill-aħħar, li ssir jew tirriżulta ħsara, dwejjaq jew vessazzjoni jew offiża lil ħaddieħor. Din hija espressjoni t'opinjoni li kjarament kif mistqarr aktar il-fuq, il-ħsieb aħħari fiha kienet li jesprimi l-opinjoni tieghu, taqbel jew ma taqbilx

maghha jew il-kliem li uza biex jesprimi tali opinjoni u li fl-opinjoni tal-Qorti ma tirrużultax ħsara, dwejjaq, vessazzjoni jew offiża lil ħaddieħor.

***DECIDE:***

Il-Qorti ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**